**242. Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati tirriżolvi li:

Peress illi huwa ta' benefiċċju għal Malta, kemm in vista tal-interessi tagħha kif ukoll biex iżżomm mal-ispirtu tas-sħubija tagħha fl-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u l-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT), illi l-Gvern ta' Malta jirratifika:

Il-Konvenzjonijiet u Protokolli tal-UNESCO li ġew addottati mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO:

1. il-Konvenzjoni għall-Ħarsien ta' Proprjetà Kulturali f'Każ ta' Kunflitt Armat, f'The Hague fl-14 ta' Mejju, 1954, u
2. l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ta' The Hague, 1954, li jirrigwarda l-protezzjoni ta' proprjetà kulturali mobbli fil-każ ta' okkupazzjoni, f'The Hague fl-14 ta' Mejju 1954, u
3. it-Tieni Protokoll tal-Konvenzjoni ta' The Hague, 1954, li jirrigwarda r-regoli li għandhom jirriflettu l-iżviluppi fil-liġi internazzjonali, f'The Hague fis-26 ta' Marzu 1999, u
4. il-Konvenzjoni dwar Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni Illeċita, Esportazzjoni u Trasferiment ta' Proprjetà Kulturali, f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970;

kif ukoll

5. il-Konvenzjoni dwar ir-Ritorn Internazzjonali ta' Oġġetti Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment tal-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT), li ġiet addottata mill-Konferenza Diplomatika tal-Istati partijiet għal din il-Konvenzjoni (UNIDROIT) f'Ruma fl-24 ta' Ġunju 1995;

Peress illi l-imsemmija Konvenzjonijiet u Protokolli jikkostitwixxu strumenti internazzjonali effettivi u rilevanti għall-ħarsien tal-wirt kulturali tar-Repubblika ta' Malta, tal-promozzjoni tiegħu kif ukoll ta' għarfien u rispett akbar bejn il-kulturi, li għalihom kemm il-Gvern ta' Malta kif ukoll l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u l-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT) jattribwixxu importanza massima;

U peress li l-istess Konvenzjonijiet u Protokolli jikkontribwixxu biex jassiguraw kooperazzjoni u assistenza dwar il-ħarsien tal-wirt intanġibbli fuq livell mondjali speċjalment f'każ ta' kunflitt armat jew traffikar illeċitu ta' wirt kulturali li Malta tista' tinqabad fihom direttament jew indirettament;

U peress li għalhekk huwa meħtieġ illi l-Gvern ta' Malta jaċċedi għal u jadotta l-imsemmija Konvenzjonijiet u Protokolli;

Għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta' Malta biex jirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO u tal-UNIDROIT imsemmija qabel, u li kopji tagħhom huma annessi ma' din ir-riżoluzzjoni.

15.04.2024